DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/1711

tas-27 ta' Settembru 2016

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK [1] li tapplika ċerti miżuri restrittivi għal persuni, gruppi u entitajiet elenkati fl-Anness.

(2) Fid-dawl tal-ftehim ta' paċi tal-Kolombja l-miżuri kontra waħda mill-entitajiet għandhom jiġu sospiżi, soġġett għal reviżjoni speċifika mill-Kunsill wara sitt xhur.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 4, safejn dawn japplikaw għall-"Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" — "FARC" ("Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja"), dawn għandhom jiġu sospiżi.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

[1] Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/CFSP tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).